kissru l-ħġieġ tal-ġirien. Imma llum ma jinpurtax. Illum il-Karnival. F'xi ħin jasal ir-raħħal, bejjiegħ il-ħalib, bil-mogħoż, jaħleb il-ħalib għall-familji. Il-Ħajbu joħroġ idur mal-mogħoż forsi jdabbar ftit ħalib frisk. Bejn il-logħob tat-tfal u bejn xi qoxra ta' laringa jew banana ma' l-art, il-Ħajbu żelaq u ġie bilqiegħda fl-art, sewwa sew bejn żewġ mogħżiet. L-imsejken Ħajbu ma setax iqum mill-art. It-tfal inġabru dawra mejt miegħu, jsaffru u jwerżqu. Il-ġirien ħarġu bi ħġarhom; min jitħassru, u min jidħak. Hekk kif, bil-mod il-mod, il-Ħajbu qam mill-art, u lemaħ lir-raħħal jidħak bih u jżomm żaqqu bid-daħk, waddablu l-bott vojt tal-ħalib li kellu f'idu. Ir-raħħal warrab rasu minn-ofs, u l-bott ħabat eżatt ma' ras mogħża. Bid-daqqa, il-mogħża intelqet storduta ma' l-art. Ir-raħħal, irrabjat li l-mogħża, bil-qatgħa li ħadet, mhux se tkun tajba iżjed għall-ħalib, imma biss għall-qatla, beda jħaqqaqha mal-Ħajbu fuq it-telf ta' flus. Il-qiegħa saħnet sew bejniethom u l-ispettaturi, tfal u kbar, f'daqqa waħda għebu minn ġo l-isqaq. Ir-raħħal għamel rapport l-Għassa. Is-Surġent malajr bagħat puluzija biex jara b'għajnejh u jkellem lill-ħati f'dak il-każ. Il-Ħajbu farfar mir-responsabbilta' billi wieġeb lill-puluzija li hu l-bott kien tefgħu għal ras ir-raħħal, talli kien qed jiżżuffjetta bih, u mhux biex jolqot lill-mogħża. Il-puluzija ma basarx li l-Ħajbu kien jaf jiddefendi ruħu daqshekk tajjeb; mejjel rasu u telaq lejn l-Għassa. Baxx baxx, is-Surġent għamel rapport fuq dak li ġara lill-Uffiċjal tad-dar ta' l-Ingieret, jirrakkomandalu li l-Ħajbu jinġabar hemm ġew għal kollox.

---

APPREZZAMENT

# MARIA ROSARIA PISANI

Fid-9 ta' Diċembru, 2006 morna l-knisja parrokkjali Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, l-Belt, biex nattendu għall-quddiesa u l-funeral ta' Maria Rosaria Pisani li, sakemm mietet, kienet għada fil-kariga ta' President ta' l-Għaqda Maltija tal-Folklor Ms. Pisani kienet l-aħħar traċċa ħajja għall-memorja ta' missiera, Lazzaro Pisani (1854-1932), pittur prolifiku magħruf għall-għadd kbir ta' xogħolijiet f'Malta u Għawdex. Kienet ħerqana taħdem għall-memorja tiegħu u f'dawn l-aħħar snin kienet għadha tistinka biex tiġbor kemm jista' jkun informazzjoni fuq ix-xogħlijiet tiegħu bil-ħsieb li tippubblika monografija fuqu. Kienet dejjem attiva f'diversi għaqdiet kulturali u sirt nafha aktar meta fis-snin sebgħin daħlet fil-kumitat ta' l-Għaqda tagħna li għalih kienet tattendi bil-ħerqa u turi interess fl-attivitajiet kollha sakemm laħqet viċi-president ta' l-istess għaqda u riċentement ukoll president. Maria Rosaria kienet ukoll pjanista u attriċi, imma aktar kellha tokkupa l-ħin torganizza attivitajiet kulturali għad-diversi għaqdiet u tipparteċipa fihom. Fost dawn l-organizzazzjonijiet kellha wkoll l-Istitut Kulturali Malti, kif ukoll dak Taljan, u l-ieħor Ġermaniż. Fost l-attivitajiet li kienet torganizza kien hemm *radioplays*, kunċerti, laqgħat ta' l-arti, letteratura, u qari ta' poeżija. Kienet tikkollabora ma' artisti u awturi u, fost l-oħrajn, qalbet għall-Malti opri, drammi u poeżiji tan-nutar V.M. Pellegrini. Kienet ukoll tiddisinja l-kostumi għall-palk. Iddedikat il-ħajja twila tagħha għall-kultura mingħajr ftaħir u mingħajr ma stenniet ringrazzjamenti. In-nuqqas tagħha jinħass minn min kien jafha mill-qrib, l-aktar fl-ambjent kulturali. Nibqgħu niftakru fiha bi gratitudni.

**Guido Lanfranco**



**Maria R. Pisani**